**Il-Ħamis, 7 ta' Mejju 2009**

# L-istandards minimi dwar l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu ażil (tfassil mill-ġdid) ***I

P6_TA(2009)0376

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Mejju 2009 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-istandards minimi dwar l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu ażil (tfassil mill-ġdid) (COM(2008)0815 – C6-0477/2008 – 2008/0244(COD))**

(2010/C 212 E/51)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni – tfassil mill-ġdid)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0815),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), u l-Artikolu 63(1)(b) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0477/2008),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 dwar użu iżjed strutturat tat-teknika tar-riformulazzjoni tal-atti legali ([1]),

— wara li kkunsidra l-ittra tal-4 ta' April 2009 mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali bi qbil mal-Artikolu 80a(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0285/2009),

A. billi, skont il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, il-proposta konċernata ma tinkludix emendi sostanzjali ħlief dawk identifikati bħala tali fil-proposta u billi, fir-rigward tal-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li baqgħu ma nbidlux tal-atti eżistenti, il-proposta fiha kodifikazzjoni sempliċi ta' dawn it-testi, bla ebda tibdil fis-sustanza tagħhom,

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, kif emendata hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

([1]) ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

**Il-Ħamis, 7 ta' Mejju 2009**

# P6_TC1-COD(2008)0244

## Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-7 ta' Mejju 2009 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-*Direttiva 2009/…/KE* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-istandards minimi dwar l-*lqigħ* ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil (tfassil mill-ġdid)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidraw t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari il-punt (1)(b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 63 tiegħu,

Wara li kkonsidraw il-proposta mressqa mill-Kummissjoni,

Wara li kkonsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Għandhom isiru numru ta' bidliet sostantivi lid-Direttiva tal-Kunsill 2003/9/KE tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi l-istandards minimi dwar l-akkoljenza ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* ([4]). Fl-interess taċ-ċarezza, dik id-Direttiva għandha tiġi *mfassla mill-ġdid*.

(2) Politika komuni dwar ażil, inkluża Sistema ta' Ażil Komuni Ewropea, hija parti kostitwenti tal-għan tal-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi progressivament żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja miftuħa għal dawk li, imġiegħla minn ċirkostanzi, ifittxu b'mod leġittimu protezzjoni fil-Komunita.

(3) F'laqgħa speċjali f'Tampere fil-15 u 16 ta' Ottubru 1999, il-Kunsill Ewropew qabel li jaħdem biex jistabbilixi Sistema ta' Ażil Komuni Ewropea, ibbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif issupplimentata bil-Protokoll ta' Ġdid York tal-31 ta' Jannar 1967, hekk iżżomm il-prinċipju ta' non-refoulement.

(4) Il-Konklużjonijiet ta' Tampere jipprovdu li Sistema ta' Ażil Komuni Ewropea għandha tinkludi, fi żmien qasir, kondizzjonijiet komuni minimi ta' *lqigħ* ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil*.

(5) L-istabbiliment ta' standards minimi għall-*ilqigħ* ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* huwa pass 'il quddiem lejn politika Ewropea dwar *l*-ażil.

(6) L-ewwel fażi fil-ħolqien ta' Sistema ta' Ażil Komuni Ewropea li għandha twassal, fuq medda twila ta' żmien, għal proċedura komuni u status uniformi, validu fl-Unjoni kollha, għal dawk li jingħatalhom l-ażil, issa tlestiet. Il-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Novembru 2004 adotta l-programm tal-Aja li jistabbilixxi l-għanijiet li jridu jiġu implimentati fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja fil-perjodu 2005-2010. F'dan ir-rigward Il-Programm tal-Aja stieden lill-Kummissjoni biex tikkonkludi l-evalwazzjoni tal-ewwel fażi tal-istrumenti legali u biex tippreżenta proposti għall-miżuri u strumenti tat-tieni fażi lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bil-ħsieb tal-adozzjoni tagħhom qabel it-tmiem tal-2010.

---

([1]) ĠU C […], […], p. […].
([2]) ĠU C […], […], p. […].
([3]) *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Mejju 2009.*
([4]) ĠU L 31, 6.2.2003, p. 18.

**Il-Ħamis, 7 ta' Mejju 2009**

(7) Fid-dawl tar-riżultati tal-valutazzjonijiet imwettqa, huwa xieraq, f'dan l-istadju, li jkunu kkonfermati l-prinċipji sottostanti tad-Direttiva 2003/9/KE bil-ħsieb li jiġu żgurati kondizzjonijiet mtejba ta' *lqigħ* għal *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil*.

(8) Biex ikun żgurat it-trattament ugwali ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* fl-Unjoni kollha, din id-Direttiva għandha tapplika matul l-istadji u t-tipi kollha ta' proċeduri ta' applikazzjoni ta' ażil u fil-postijiet u fil-faċilitajiet kollha li jilqgħu lil *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil*.

(9) L-Istati Membri għandhom ifittxu li jiżguraw konformità sħiħa mal-prinċipji tal-aħjar interessi tat-tfal u l-importanza tal-għaqda tal-familja, fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989 u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali rispettivament.

(10) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri huma marbuta b'obbligi taħt strumenti tal-liġi internazzjonali li għalihom huma parti .

(11) *Għandhom jiġu stipulati* standards minimi għall-*ilqigħ* ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* li ***normalment*** għandhom ikunu biżżejjed biex jiżguraw standard ta' ħajja dinjituż u kondizzjonijiet ta' ħajja komparabbli fl-Istati Membri kollha ▌.

(12) L-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-*ilqigħ* ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* għandha tgħin biex tillimita *ċ-ċaqliq sekondarju* ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* influwenzati mill-varjetà ta' kondizzjonijiet għall-*ilqigħ* tagħhom.

(13) Bil-ħsieb li jkun żgurat trattament ugwali fost l-applikanti kollha għall-protezzjoni internazzjonali kif ukoll sabiex tkun *żgurata* konsistenza mal-acquis *attwali* tal-UE dwar l-ażil‖, b'mod partikolari mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija [1], huwa xieraq li l-iskop ta' din id-Direttiva ikun estiż sabiex tinkludi applikanti għall-protezzjoni sussidjarja.

(14) Sabiex tkun promossa l-awtosuffiċjenza *tal-persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* u biex ikunu limitati d-diskrepanzi kbar bejn l-Istati Membri, huwa essenzjali li jkunu provduti regoli ċari dwar l-aċċess għas-suq tax-xogħol *tal-persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil*.

(15) L-identifikazzjoni immedjata u l-monitoraġġ xieraq ta' persuni bi bżonnijiet speċjali għandhom ikunu interess primarju tal-awtoritajiet nazzjonali sabiex ikun żgurat li l-*kundizzjonijiet tal-ilqigħ tagħhom ikunu imfassla speċifikament biex jissodisfaw il-ħtiġijiet* speċjali tagħhom.

(16) Id-detenzjoni ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* għandha tkun applikata skont il-prinċipju riffied li persuna m'għandiex tinżamm f'detenzjoni għall-unika raġuni li hu/hi qed tfittex protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari skont ***l-obbligi legali internazzjonali tal-Istati Membri u partikolarment*** l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951. B'mod partikolari, l-Istati Membri m'għandhomx jinponu *pieni* fuq *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* minħabba dħul jew presenza illegali u kwalunkwe restrizzjonijiet fuq il-moviment għandhom ikunu *meħtieġa*. F'dan ir-rigward, id-detenzjoni ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* għandha tkun possibbli biss taħt ċirkostanzi eċċezzjonali definiti b'mod ċar ħafna li huma preskritti fid-Direttiva u soġġetti għall-prinċipju ta' neċessità u proporzjonalità fir-rigward kemm tal-manjiera kif ukoll tal-iskop ta' detenzjoni bħal din. Fejn *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* jinżammu f'detenzjoni huma għandhom ikollhom id-dritt għal rimedju ġudizzjarju quddiem qorti nazzjonali.

(17) L-applikanti li huma f'detenzjoni għandhom ikunu ttrattati b'rispett sħiħ għad-dinjità tal-bniedem u *l-kundizzjonijiet għall-ilqigħ tagħhom għandhom ikunu b'mod speċifiku biex jissodisfaw il-ħtiġijiet* tagħhom f'dik is-sitwazzjoni. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konformità mal-Artikolu 37 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989.

---

[1] ĠU L 304, 30.9.2004, p. *12*.

**Il-Ħamis, 7 ta' Mejju 2009**

(18) Biex tkun żgurata osservanza tas-salvagwardji proċedurali minimi li jikkonsistu fl-opportunità li jkunu kkuntattjati organizzazjonijiet u gruppi ta' persuni li jipprovdu assistenza legali, informazzjoni dwar organizzazzjonijiet u gruppi ta' persuni tali għandha tkun ipprovduta.

(19) Il-possibilità ta' abbuż tas-sistemi ta' *lqigħ* għandha tkun ristretta billi jkunu speċifikati ċ-ċirkustanzi fejn *il-kondizzjonijiet ta' lqigħ* għal *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* jistgħu jitnaqqsu jew tali lqigħ jiġi rtirat filwaqt li fl-istess ħin għandu jkun żgurat standard ta' ħajja dinjituż *għall-persuni kollha li jkunu qed ifittxu l-ażil.*

(20) *Għandhom ikunu żgurati l*-effiċjenza ta' sistemi nazzjonali ta' *lqigħ* u l-koperazzjoni fost Stati Membri fil-qasam ta' *lqigħ* ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil.*

(21) *Għandha tkun imħajra* koordinazzjoni xierqa bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-*ilqigħ* ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil*, u għalhekk għandhom ikunu promossi relazzjonijiet armonjużi bejn komunitajiet lokali u ċentri ta' akkomodazzjoni.

(22) Hija fl-istess natura ta' standards minimi li Stati Membri jkollhom is-setgħa li jintroduċu jew iżommu provvedimenti iktar favorevoli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni bla Stat li jitolbu għal protezzjoni internazzjonali mingħand Stat Membru.

(23) F'dan l-ispirtu, Stati Membri huma wkoll mistiedna li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva *b'rabta* ma' proċeduri biex ikunu deċiżi applikazzjonijiet għal għamliet ta' protezzjoni *oħrajn* barra dawk applikabbli taħt id-Direttiva 2004/83/KE.

***(24) Sabiex jiġi kopert kull titjib fl-istandards minimi dwar l-ilqigħ ta' persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil, għandu jkun hemm żieda proporzjonata fil-fondi disponibbli mill-Unjoni Ewropea bil-għan li jkunu koperti l-ispejjeż ta' tali titjib, b'mod partikulari fil-każijiet ta' Stati Membri li qegħdin jiffaċċjaw pressjonijiet speċifiċi u sproporzjonati fuq is-sistema nazzjonali ta' ażil tagħhom, partikolarment minħabba l-qagħda ġeografika jew demografika tagħhom.***

(*25*) L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tkun ivvalorizzata f'intervalli regolari.

(*26*) Ladarba l-*għan ta' din id-Direttiva,* jiġifieri *li jiġu stabbiliti s*tandards minimi dwar l-*ilqigħ* ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* fi Stati Membri, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-kobor u l-effetti tal-azzjoni proposta, jinkisbu aħjar *fil-livell tal*-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri skont il-prinċipji tas-sussidjaretà kif iddikjarati fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, iddikjarat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lilhinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu *dak l-għan*.

(*27*) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta ta' Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea *(il-Karta).* B'mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ għad-dinjità tal-bniedem u li tippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikoli 1, **4,** 6, 7, 18, 24 and 47 tal-Karta u *għandha tiġi implimentata skont dan*.

(*28*) L-obbligu li tiġi trasposta din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali għandu jiġi limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla sostantiva meta mqabbla mad-Direttiva preċedenti. L-obbligu li jiġu trasposti d-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula, joħroġ mid-Direttiva preċedenti.

(*29*) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri *marbuta* mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali ta' din id-Direttiva, mniżżla fl-Anness II, Parti B,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

GĦAN, DEFINIZZJONIJIET U KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Artikolu 1

Għan

L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tippreskrivi standards minimi għall-*ilqigħ* ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* fl-Istati Membri.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

(a) 'applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali' tfisser applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali kif definita ***fl-Artikolu 2(g) tad***-Direttiva 2004/83/KE;

(b) 'applikant' jew '*persuna li tkun qed tfittex l-ażil*' tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna bla stat li għamel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha *ma tkunx għadha ittieħdet deċizjoni aħħarija;*

(c) 'membri tal-familja' tfisser, sakemm il-familja kienet diġà teżisti fil-pajjiż ta' oriġini, il-membri tal-familja tal-applikant li ġejjin li huma preżenti fl-istess Stat Membru in relazzjoni mal-applikant għal protezzjoni internazzjonali:

(i) ir-raġel/il-mara ta' min ifittex il-ażil jew il-partner mhux miżżewweġ tiegħu jew tagħha f'relazzjoni stabbli, fejn il-leġislazzjoni jew prassi tal-Istat Membru kkonċernat tittratta *lill*-koppji mhux miżżewġa *b'mod* komparabbli ma' koppji miżżewġa taħt il-liġi tiegħu dwar *persuni barranin*;

(ii) it-tfal *minuri ta' koppji imsemmijin fil-punt (i) hawn fuq* jew tal-applikant, fuq kondizzjoni li mhumiex miżżewġa u mingħajr ma jittieħed każ ta' jekk twildux ġewwa jew barra ż-żwieġ jew adottati kif iddefinit taħt il-liġi nazzjonali;

(iii) it-tfal *minuri* miżżewġa *ta' koppji imsemmijin fil-punt (i) hawn fuq* jew tal-applikant, mingħajr ma jittieħed każ ta' jekk twildux ġewwa jew barra ż-żwieġ jew adottati kif iddefinit taħt il-liġi nazzjonali ***u kemm-il darba ma jkunux akkumpanjati mill-konjuġi tagħhom,*** fejn hu għall-aħjar interessi tagħhom li jirrisedju mal-applikant;

(iv) Il-missier, l-omm jew il-gwardjan tal-applikant, meta *l-applikant ikun minuri* u mhux miżżewweġ, jew meta *meta l-applikant ikun minuri* u miżżewweġ ***iżda mhux akkumpanjat mill-konjuġi tiegħu/-tagħha u*** *jkun fl*-aħjar interessi tiegħu/tagħha li jirrisjedi ma' missieru/ha, ommu/ha jew l-gwardjan tiegħu/tagħha;

(v) ħut *minuri* mhux miżżewġa tal-applikant, meta *l-applikant ikun minuri* u mhux miżżewweġ, jew meta l-applikant jew ħutu/ha *jkunu minuri* u miżżewġa ***iżda mhux akkumpanjat mill-konjuġi tiegħu/-tagħha*** *u jkun fl*-aħjar interessi *ta'* wieħed jew iktar minnhom li jirrisjedu flimkien;

***(vi) adulti dipendenti bi bżonnijiet speċjali;***

(d) 'proċeduri' u 'appelli', ifissru l-proċeduri u l-appelli stabbiliti minn Stati Membri fil-liġi nazzjonali tagħhom;

(e) '*minuri*' tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna bla stat taħt l-età ta' tmintax;

(f) '*minuri* mhux akkompanjat' tfisser *minuri* li jasal fit-territorju tal-Istati Membri mhux akkompanjat minn adult responsabbli għalih/għaliha bil-liġi jew b'użanza, u għaż-żmien sakemm hu/hi ma jittiħidtx effettivament fir-responsabbiltà ta' persuna tali; tinkludi *minuri* li thalla mhux akkompanjat wara li jkun daħal fit-territorju ta' Stati Membri;

(g) 'kondizzjonijiet ta' *lqigħ* ' tfisser is-sett sħiħ ta' miżuri li Stati Membri *japplikaw għal persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* skont din id-Direttiva;

(h) 'kondizzjonijiet ta' *lqigħ* materjali' tfisser kondizzjonijiet ta' *lqigħ* li jinkludu akkomodazzjoni, ikel u ħwejjeġ, ipprovduti in natura, jew bħala konċessjonijiet finanzjarji jew f'vouchers, jew kombinazzjoni tat-tlieta , u konċessjoni għal spejjeż ta' kuljum;

(i) 'detenzjoni' tfisser restrizzjoni ta' *persuna li tkun qed tfittex l-ażil* għal post partikulari *minn Stat Membru*, fejn l-applikant ikun imċaħħad mil-libertà ta' moviment tiegħu jew tagħha;

(j) 'ċentru ta' akkomodazzjoni' tfisser kull post użat għal akkomodazzjoni kollettiva ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil*.

Artikolu 3

Skop

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni bla stat kollha li jagħmlu applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fit-territorju, inkluż fil-konfini jew fiż-żoni ta' tranżitu, ta' Stat Membru, għaż-żmien kollu li huma permessi joqgħodu fit-territorju bħala *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil*, kif ukoll għal membri tal-familja, jekk *ikunu* koperti minn *tali* applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali skont il-liġi nazzjonali *applikabbli*.

2. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika *għal* talbiet għal ażil diplomatiku jew territorjali ssottomessi lil rappreżentanzi ta' Stati Membri.

3. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika meta jkunu applikati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 *dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn* ([1]).

4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw din id-Direttiva f'konnessjoni ma' proċeduri biex ikunu deċiżi applikazzjonijiet għal għamliet ta' protezzjoni *għajr dawk applikabbli taħt id*-Direttiva 2004/83/KE.

Artikolu 4

Dispożizzjonijiet iktar favorevoli

Stati Membri jistgħu jintroduċu jew iżommu dispożizzjonijiet iktar favorevoli fil-qasam ta' kondizzjonijiet ta' *lqigħ* ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* u qraba stretti *ta' persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* li *jkunu* preżenti fl-istess Stat Membru meta huma dipendenti *fuq il- persuna li tkun qed tfittex l-ażil* jew għal raġunijiet umanitarji sakemm *dawk* id-dispożizzjonijiet *ikunu* kompatibbli ma' din id-Direttiva.

([1]) ĠU L 212, *7.8.2001*, p. 12.

KAPITOLU II

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI DWAR KONDIZZJONIJIET TA' LQIGĦ

Artikolu 5

Informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-*persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil*, fi żmien raġonevoli li ma jeċċedix ħmistax-il jum wara li jkunu ddepożitaw l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tagħhom mal-awtorità kompetenti, għall-inqas b'xi benefiċċji stabbiliti u bl-obbligi li magħhom għandhom jikkonformaw ruħhom konnessi mal-kondizzjonijiet ta' *lqigħ*.

Stati Membri għandhom jiżguraw li applikanti tingħatalhom informazzjoni dwar organizzazzjonijiet jew gruppi ta' persuni li jipprovdu assistenza legali speċifika u organizzazzjonijiet li jistgħu jgħinuhom jew jinformawhom dwar il-kondizzjonijiet ta' *lqigħ* disponibbli, inkluża l-kura tas-saħħa.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li jirreferi għaliha l-paragrafu 1 tkun bil-miktub u, ▌ *b'*lingwa li l-applikanti ***jifhmu jew****li jista jkun hemm* ***preżunzjoni*** *raġonevoli* li jifhmu. Fejn xieraq, din l-informazzjoni tista' wkoll tkun fornita *bil-fomm*.

Artikolu 6

Dokumentazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fi żmien tlett ijiem wara li applikazzjoni tkun iddepożitata mal-awtorita kompetenti, l-applikant jingħata dokument maħruġ f'ismu jew isimha stess li jiċċertifika l-istatus tiegħu jew tagħha bħala *persuna li tkun qed tfittex l-ażil* jew li jiddikjara li hu jew hi huwa/hija permess/a j(t)oqgħod fit-territorju tal-Istat Membru waqt li l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha tkun pendenti jew tkun qiegħda tiġi eżaminata.

***M'għandux ikun hemm bżonn ta' dokumenti addizzjonali sabiex wieħed*** jingħata aċċess għad-drittijiet mogħtija lil *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* taħt din id-Direttiva.

Jekk id-detentur *tad-dokument imsemmi fl-ewwel subparagrafu ma jkunx* liberu li jiċċaqlaq ġewwa t-territorju kollu jew parti minnu tal-Istat Membru, id-dokument għandu wkoll jiċċertifika dan il-fatt.

2. L-Istati Membri jistgħu jeskludu l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu meta *persuna li tkun qed tfittex l-ażil tkun* f'detenzjoni u matul l-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali magħmula fil-konfini jew fil-kuntest ta' proċedura biex ikun deċiż id-dritt tal-applikant biex jidħol legalment fit-territorju ta' Stat Membru. F'każijiet speċifiċi, matul l-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, L-Istati Membri jistgħu jipprovdu lil applikanti evidenza oħra ekwivalenti għad-dokument imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Id-dokument li jirreferi għalih il-paragrafu 1 mhux meħtieġ li jiċċertifika l-identità tal-*persuna li tkun qed tfittex l-ażil*.

4. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jipprovdu *lill-persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* id-dokument li jirreferi għalih il-paragrafu 1, li għandu jkun validu sakemm ikunu awtorizzati joqgħodu fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jew fil-konfini tiegħu.

5. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu lil dawk li jfittxu kenn dokument tal-ivvjaġġar meta raġunijiet umanitarji serji jirrekjedu l-preżenza tagħhom fi Stat ieħor.

Artikolu 7

Residenza u libertà ta' moviment

1. *Il-persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* jistgħu jiċċaqalqu b'mod liberu fit-territorju tal-Istat Membru li jilqagħhom jew f'żona assenjata lilhom minn dak l-Istat Membru. Iż-żona assenjata m'għandhiex taffettwa l-isfera inaljenabbli tal-ħajja privata u għandha tippermetti ambitu suffiċjenti biex tiggarantixxi aċċess għall-benefiċċji kollha taħt din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu dwar ir-residenza tal- *persuna li tkun qed tfittex l-ażil* minħabba *raġunjiet* ta' interess pubbliku, ordni pubblika jew, meta meħtieġ, ta' pproċessar ta' malajr u mmonitorjar effettiv tal-applikazzjoni tiegħu jew tagħha.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu l-kondizzjonijiet materjali ta' *lqigħ* suġġetti għal residenza attwali mill-applikanti f'post speċifiku, li għandu jkun detterminat mill-Istati Membri. Deċiżjoni bħal din, li tista' tkun ta' natura ġenerali, għandha tittieħed b'mod individwali u stabbilita mil-leġislazzjoni nazzjonali.

***4. Meta jkun meħtieġ, pereżempju għal raġunijiet legali jew raġunijiet ta' politika pubblika, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw applikant għal post speċifiku skont il-liġi nazzjonali tagħhom.***

5. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal possibbiltà li jagħtu lill-applikanti permess temporanju li jħallu l-post ta' residenza msemmi fil-paragrafi 2 u 3 u/jew iż-żona assenjata msemmija fil-paragrafu 1. Deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'mod individwali, oġġettivament u imparzjalment u jingħataw raġunijiet jekk ikunu negattivi.

L-applikant m'għandux jirrikjedi permess biex iżomm appuntamenti ma' awtoritajiet u qrati jekk il-preżenza tiegħu jew tagħha tkun meħtieġa.

6. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li applikanti jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti bl-indirizz kurrenti tagħhom u jinnotifikaw kull bdil fl-indirizz lill-awtoritajiet tali malajr kemm jista' jkun possibbli.

Artikolu 8

Detenzjoni

1. L-Istati Membri ma jistgħux iżommu persuna f'detenzjoni għall-unika raġuni li hu/hi applikant għal protezzjoni internazzjonali skont id-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE *ta' l- 1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat* ([1]).

2. Meta jkun meħtieġ u fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali ta' kull każ, u sakemm miżuri oħrajn inqas dixxiplinari ma jistgħux ikunu applikati b'mod effettiv, l-Istati Membri jistgħu skont il-leġiżlazzjoni tagħhom jillimitaw applikant għal post partikolari biss. Applikant jista' jinżamm biss f'post partikolari:

(a) sabiex jiddeterminaw, jaċċertaw jew jivverifikaw l-identità jew in-nazzjonalità tiegħu;

(b) sabiex jiddeterminaw l-elementi li fuqhom hi bbażata l-applikazzjoni tiegħu għal *protezzjoni internazzjonali,* li f'ċirkostanzi oħrajn jistgħu jkunu mitlufa;

(c) fil-kuntest ta' proċedura, sabiex jiddeċiedu fuq id-dritt tiegħu li jidħol fit-territorju;

(d) meta *l-protezzjoni tas-sigurtà* nazzjonali *jew l-ordni* pubblika jeħtieġu hekk.

Dan il-paragrafu hu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli li jitrattaw mal-alternattivi tad-detenzjoni, bħal rappurtaġġ regolari lill-awtoritajiet, id-depożitu ta' garanzija finanzjarja, jew obbligu li joqgħod f'żona ġeografika indikata, huma pprovduti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

([1]) ĠU L 326, 13.12.2005, p. 13.

Artikolu 9

Garanziji ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil li jkunu* detenuti

1. Detenzjoni ser tkun ordnata għall-iqsar żmien possibbli. B'mod partikolari *l-perijodu ta' d* etenzjoni applikat taħt l-Artikolu 8 (2) (a), (b) u (c) *m'għandux jisboq* ż-żmien meħtieġ b'mod raġonevoli biex ikunu sodisfatti l-proċeduri amministrattivi meħtieġa sabiex tkun miksuba informazzjoni dwar in-nazzjonalità ***jew l-identità*** ta' *persuna li tkun qed tfittex l-ażil* jew dwar l-elementi fuqiex hi bbażata l-applikazzjoni *tagħha* jew biex titwettaq il-proċedura relevanti bil-ħsieb tad-deċiżjoni għad-dritt tagħha tad-dħul fit-territorju.

***Il-proċeduri ta' dan it-tip għandhom jitwettqu bil-ħeffa li jisthoqqu.*** Dewmien fl-ipproċessar tal-proċedura amministrattiva li ma *jistax* ikun attribwit lil *persuna li tkun qed tfittex l-ażil m'għandux jiġġustifika* kontinwazzjoni tad-detenzjoni.

2. Id-detenzjoni għandha tkun ordnata mill-awtoritajiet ġudizzjarji. F'każijiet urġenti tista' tkun ordnata mill-awtoritajiet amministrattivi, li f'dak il-każ l-ordni ta' detenzjoni għandu jkun ikkonfermat mill-awtoritajiet ġudizzjarji fi żmien 72 siegħa mill-bidu tad-detenzjoni. Fejn l-awtorità ġudizjarja ssib li d-detenzjoni hi illegali, *jekk jekk ma jkun hemm ebda deċiżjoni f'dak il-perijodu ta' 72 siegħa, il-persuna li tkun qed tfittex l-ażil ikkonċernata għandha tinħeles* minnufih.

3. Id-detenzjoni għandha tkun ordnata bil-miktub. L-ordni tad-detenzjoni għandha tistqarr fil-fatt u bi dritt fuq xiex hi bbażata u għandha tispeċifika l-perjodu massimu ta' detenzjoni.

4. *Il-persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil li jkunu detenuti għandhom* ikunu *mgħarrfa* minnufih *bir*-raġunijiet ta' detenzjoni, it-tul ta' żmien massimu tad-detenzjoni u l-proċeduri stabbiliti fil-liġi nazzjonali għall-*kontestazzjoni* tad-deċiżjoni tad-detenzjoni, f'lingwa li ***jifhmu jew li jew*** li *jista jkun hemm* ***preżunzjoni*** *raġonevoli* li jifhmu.

5. Id-detenzjoni kontinwa għandha tkun riveduta minn awtorità ġudizzjarja f'intervalli ta' żmien raġonevoli, fuq talba *tal-persuna kkonċernata li tkun qed tfittex l-ażil* jew ex officio.

Id-detenzjoni qatt m'għandha tkun mtawla b'mod mhux mistħoqq.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ***li tingħata*** mingħajr ħlas***, fuq talba, l-assistenza legali u/jew ir-rappreżentazzjoni meħtieġa, skont l-Artikolu 15(3) sa (6) tad-Direttiva 2005/85/KE***.

Proċeduri għal aċċess għal assistenza legali f'każijiet bħal dawn għandhom ikunu preskritti fil-liġi nazzjonali.

Artikolu 10

Kondizzjonijiet ta' detenzjoni

1. L-Istati Membri m'għandhomx iżommu lil *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* fil-ħabs. Id-detenzjoni għandha *ssehh* biss f'faċilitajiet ta' detenzjoni speċjalizzati.

*Persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil li jkunu* f'detenzjoni għandhom jinżammu separatament minn ċittadini oħrajn ta' pajjiżi terzi li ma ddepożitawx applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, ħlief jekk dan ikun meħtieġ biex tkun żgurata l-għaqda tal-familja u jekk l-applikant jagħti kunsens.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *l-persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil li jkunu* f'detenzjoni jkollhom l-opportunità li jistabbilixxu kuntatt, inkluż drittijiet ta żjara, ma' rappreżentanti legali u membri tal-familja ***, ħaddiema soċjali u persuni li jżuru bi skop reliġjuż***. *Il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR)* u organizzazzjonijiet u entitajiet oħrajn nazzjonali, internazzjonali u mhux governamentali relevanti u kompetenti għandhom ukoll ikollhom l-opportunità li jikkomunikaw mal-applikanti u jżuruhom f'żoni ta' detenzjoni.

***3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil li jinżammu f'detenzjoni jkollhom aċċess għal kura medika xierqa u konsulenza psikoloġika, fejn xieraq.***

4. L-Istati Membri għandhom minnufih jipprovdu lill-*persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil li jkunu* f'detenzjoni b'informazzjoni aġġornata dwar ir-regoli li japplikaw fil-faċilità u jistabbilixxu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom f'lingwa li huma ***jifhmu jew li jew*** li *jista jkun hemm* ***preżunzjoni*** *raġonevoli*.

Artikolu 11

Detenzjoni ta' gruppi vulnerabbli u persuni bi bżonnijiet speċjali

1. *Minuri* m'għandhomx ikunu detenuti ħlief jekk hux fl-aħjar interess tagħhom, kif preskritt fl-Artikolu 22 tad-Direttiva u biss wara l-kunsiderazzjoni tas-sejbiet tal-eżaminazzjoni individwali tas-sitwazzjoni tagħhom skont il-paragrafu 5 *ta' dan l-Artikolu*.

*Minuri* mhux akkumpanjati m'għandhom qatt ikunu detenuti.

2. Fejn il-*minuri* ikunu detenuti huma għandhom ikollhom il-possibbiltà li jieħdu sehem f'attivitajiet ta' rikreazzjoni, inkluż logħob u attivitajiet ta' rekreazzjoni li huma xierqa għall-età tagħhom***, u attivitajiet fil-beraħ***.

3. Familji detenuti għandhom ikunu provduti b'akkomodazzjoni separata li *tiżgura* privatezza xierqa.

4. Fejn nisa li *jkunu qed ifittxu l-ażil ikunu* detenuti l-Istati Membri għandhom jiżguraw li *jkunu* akkomodati separatament mill-irġiel li *jkunu qed ifittxu l-ażil*, ħlief jekk dawn ikunu membri ta' familja u li l-individwi kollha kkonċernati jagħtu l-kunsens tagħhom.

5. Persuni bi bżonnijiet speċjali m'għandhomx ikunu detenuti ħlief jekk eżaminazzjoni individwali tas-sitwazzjoni tagħhom minn professjonali kwalifkat ***u indipendenti*** jiċċertifika li s-saħħa tagħhom, inkluż is-saħħa mentali tagħhom, mhux ser imorru għall-agħar bħala riżultat tad-detenzjoni.

Fejn persuni bi bżonnijiet speċjali huma detenuti l-Istati Membri għandhom jiżguraw monitoraġġ regolari u appoġġ xieraq.

Artikolu 12

Familji

Stati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iżommu kemm jista' jkun possibbli l-unità tal-familja ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil li jkunu* preżenti fit-territorju tagħhom, jekk *huma* jkunu pprovduti b'akkomodazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat. Miżuri tali għandhom ikunu implimentati bi qbil mal-*persuna li tkun qed tfittex l-ażil*.

Artikolu 13

Kontroll mediku

Stati Membri jistgħu jirrikjedu tgħarbila medika għal applikanti għal raġunijiet ta' saħħa pubblika.

Artikolu 14

Tagħlim u edukazzjoni tal-*minuri*

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-ulied *minuri* ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* u lil *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* li *jkunu minuri* aċċess għas-sistema ta' edukazzjoni taħt l-istess kondizzjonijiet bħal taċ-ċittadini tal-Istat Membru *ospitanti* sakemm *ma tkunx tabilħaqq infurzata* miżura ta' tkeċċija kontra tagħhom jew il-ġenituri tagħhom. Edukazzjoni bħal din tista' tkun ipprovduta f'ċentri ta' akkomodazzjoni.

L-Istati Membri m'għandhomx jirtiraw edukazzjoni sekondarja biss għar-raġuni li l-*minuri* laħaq l-età maġġoritarja.

2. *L-aċċess* għas-sistema ta' edukazzjoni ***għandu jkun żgurat mill-aktar fis possibbli wara li ssir it-talba għall-protezzjoni internazzjonali minn jew f'isem il-minuri u, fi kwalunkwe każ,*** m'għandux ikun pospost għal iktar minn tliet xhur mid-data li fiha *tkun saret* l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ‖.

Klassijiet preparatorji, inkluż il-klassijiet tal-lingwa, li l-għan tagħhom hu li jiffaċilitaw l-aċċess tal-minuri għas-sistema nazzjonali tal-edukazzjoni, u/jew edukazzjoni speċifika ddisinjata biex tgħin l-integrazzjoni tagħhom f'dik is-sistema, għandhom ikunu pprovduti fejn meħtieġ.

3. Fejn aċċess għas-sistema ta' edukazzjoni kif iddikjarat fil-paragrafu 1 mhux possibbli minħabba s-sitwazzjoni speċifika tal-*minuri*, l-Istat Membru għandu joffri arranġamenti edukattivi oħra skont il-liġi u l-prattika nazzjonali.

Artikolu 15

Impjieg

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jkollhom aċċess għas-suq tax-xogħol mhux iktar tard minn sitt xhur wara d-data meta l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjoni kienet iddepożitata.

2. Stati Membri għandhom jiddeċiedu l-kondizzjonijiet għall-għotja ta' aċċess għas-suq tax-xogħol għall-applikant, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, mingħajr ma jirristrinġu b'mod mhux xieraq l-aċċess ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* għas-suq tax-xogħol

3. Aċċess għas-suq tax-xogħol m'għandux ikun irtirat matul proċeduri ta' appell, meta appell kontra deċiżjoni negattiva fi proċedura *ordinarja* għandu effett ta' sospensjoni, sa meta deċiżjoni negattiva wara l-appell tkun innotifikata.

Artikolu 16

Formazzjoni professjonali

Stati Membri jistgħu jippermettu lil *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil l-*aċċess għal formazzjoni professjonali irrispettivament jekk huma *jkollhomx* aċċess għas-suq tax-xogħol.

Aċċess għal formazzjoni professjonali konnessa ma' appalt ta' xogħol għandha tiddependi minn kemm l-applikant għandu aċċess għas-suq tax-xogħol skont l-Artikolu 15.

Artikolu 17

Regoli ġenerali dwar kondizzjonijiet ta' *lqigħ* materjali u kura tas-saħħa

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kondizzjonijiet ta' *lqigħ* materjali jkunu disponibbli lill-applikanti meta jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għal protezzjoni internazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *l-kondizzjonijiet* ta' *lqigħ* materjali jipprovdu standard ta' ħajja xieraq għall-applikanti ‖, li jiżgura s-sussistenza tagħhom kif ukoll *jipproteġilhom* is-saħħa fiżika u mentali.

Stati Membri għandhom jiżguraw li dak l-istandard ta' ħajja ikun issodisfatt fis-sitwazzjoni speċifika ta' persuni li għandhom bżonnijiet speċjali, skont *l-Artikolu 22,* kif ukoll fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' persuni li huma f'detenzjoni.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal kondizzjonijiet ta' *lqigħ* materjali kollha jew xi wħud minnhom u kura tas-saħħa suġġetti għall-kondizzjoni li l-applikanti m'għandhomx mezzi *biżżejjed* biex ikollhom standard ta' ħajja adegwat għal saħħithom u biex *jiżguraw is-sussistenza* tagħhom.

**Il-Ħamis, 7 ta' Mejju 2009**

4. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu lill-applikanti biex ikopru jew jikkontribwixxu għall-ispejjeż tal-kondizzjonijiet ta' *lqigħ* materjali u għall-kura tas-saħħa li tipprovdi għalihom din id-Direttiva, skont id-dispożizzjoni tal-paragrafu 3, jekk l-applikanti għandhom riżorsi suffiċjenti, per eżempju jekk kienu qegħdin jaħdmu għal perjodu ta' żmien raġonevoli.

Jekk jinstab li applikant kellu mezzi suffiċjenti biex ikopri kondizzjonijiet ta' *lqigħ* materjali u kura tas-saħħa fiż-żmien *meta dawk* il-ħtiġiet bażiċi kienu qegħdin ikunu koperti, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-*persuna li tkun qed tfittex l-ażil għa rimborż.*

***5. Il-kundizzjonijiet materjali tar-riċeviment jistgħu jiġu provduti in natura jew f'forma ta' allowances finanzjarji jew vawċers jew taħlita tat-tliet elementi.***

***Meta l-Istati Membri jipprovdu kundizzjonijiet materjali ta' riċeviment f'forma ta' allowances finanzjarji jew vawċers, l-ammont tagħhom għandu jiġi determinat skont il-prinċipji mniżżla f'dan l-Artikolu.***

Artikolu 18

Modalitajiet għal kondizzjonijiet ta' *lqigħ* materjali

1. Fejn akkomodazzjoni tkun ipprovduta fi djar, għandha tieħu waħda jew għaqda tal-forom li ġejjin::

(a) binjiet użati għall-għan biex tingħata dar lill-applikanti matul l-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali iddepożitata fil-konfini;

(b) ċentri ta' akkomodazzjoni li jiggarantixxu standard ta' ħajja adegwat;

(c) djar privati, appartamenti, lukandi jew binjiet oħra li jsiru addattati għall-applikanti għal akkomodazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li applikanti pprovduti b'akkomodazzjoni li jirreferi għaliha l-paragrafu 1(a), (b) u (ċ) jkunu assigurati:

(a) protezzjoni tal-ħajja familjari tagħhom;

(b) il-possibilità li jikkomunikaw ma' qraba, konsulenti legali u rappreżentanti tal-‖ UNHCR ‖ u organizzazzjonijiet *mhux* governattivi (NGOs) rikonoxxuti mill-Istati Membri.

L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw interessi speċifiċi tas-sess u l-età u s-sitwazzjoni tal-persuni bi bżonnijiet speċjali fir-rigward ta' applikanti ġewwa binijiet u ċentri ta' akkomodazzjoni li jirreferi għalihom il-paragrafu 1(a) u (b).

Stati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex jipprevjenu attakk vjolenza bbażata fuq is-sess inkluż l-attakk sesswali, ġewwa l-binjiet u ċentri ta' akkomodazzjoni li jirreferi għalihom il-paragrafu 1(a) u (b).

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, li t-tfal *minuri* ta' applikanti jew applikanti li jkunu minuri jkunu joqgħodu mal-ġenituri tagħhom jew ma' membru adult tal-familja responsabbli għalihom kemm bil-liġi kemm b'użanza provdut li dan hu fl-aħjar interessi tal-*minuri* kkonċernati.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li trasferimenti ta' applikanti minn faċilità ta' akkomodazzjoni għal oħra jsiru biss meta meħtieġa. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-possibilità lill-applikanti biex jinformaw lilll-konsulenti legali tagħhom bit-trasferiment u l-indirizz ġdid tagħhom.

5. Persuni li jaħdmu f'ċentri ta' akkomodazzjoni għandhom ikunu mħarrġa b'mod adegwat u għandhom ikunu marbuta bil-prinċipju ta' segretezza kif iddefinit fil-liġi nazzjonali in konnessjoni ma' kull informazzjoni li jiksbu matul xogħlhom.

6. L-Istati Membri jistgħu jinvolvu applikanti fl-amministrazzjoni tar-riżorsi materjali u aspetti mhux materjali tal-ħajja fiċ-ċentru permezz ta' bord konsultattiv jew kunsill li jirrappreżenta lir-residenti.

7. *Il-konsulenti* legali jew il-counsellors ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* u r-rappreżentanti tal-*UNHCR* jew ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi maħtura *mill-UNHCR u* rikonoxxuti mill-Istati Membri kkonċernati għandhom jingħataw aċċess għaċ-ċentri ta' akkomodazzjoni u faċilitajiet oħra ta' akkomodazzjoni biex jgħinu lill-*persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil. Restrizzjonijiet għal tali aċċess jistgħu* jkunu imposti biss għal raġunijiet konnessi mas-sigurtà taċ-ċentri u l-faċilitajiet u tal-*persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil.*

8. F'każijiet ġġustifikati b'mod xieraq, L-Istati Membri jistgħu b'mod eċċezzjonali jistabbilixxu *regoli għal* kondizzjonijiet ta' *lqigħ* materjali differenti minn dawk li jipprovdi għalihom dan l-Artikolu, għal perjodu raġonevoli li għandu jkun qasir kemm jista' jkun, meta:

(a) stima inizjali tal-ħtiġiet speċifiċi tal-applikant hija rekwiżita,

(b) kapaċitajiet ta' akkomodazzjoni normalment disponibbli huma temporanjament eżawriti,

(c) il-*persuna li tkun qed tfittex l-ażil tkun* f'detenzjoni jew *ristretta* għal postijiet ta' konfini.

Dawn il-kondizzjonijiet differenti għandhom ikopru f'kull każ ħtiġiet bażiċi.

Artikolu 19

Kura tas-saħħa

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jirċievu l-kura tas-saħħa meħtieġa li għandha tinkludi, għall-inqas, kura ta' emerġenza u trattament essenzjali ta' mard jew disturbi mentali.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu assistenza medika jew assistenza oħra meħtieġa lil applikanti li għandhom bżonnijiet speċjali inkluż kura tas-saħħa mentali xierqa fejn *ikun* meħtieġ ▌.

***Artikolu 20***

***Vittmi ta' tortura***

***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tat- tortura jittieħdu malajr f'ċentru ta' kura adegwat għas-sitwazzjoni tagħhom.***

KAPITOLU III

TNAQQIS JEW IRTIRAR TA' KONDIZZJONIJIET TA' LQIGĦ MATERJALI

*Artikolu 21*

Tnaqqis jew irtirar ta' kondizzjonijiet ta' *lqigħ* materjali

1. L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu kondizzjonijiet ta' *lqigħ* materjali ‖ fejn *persuna li tkun qed tfittex l-ażil*:

(a) *tabbanduna* l-post ta' residenza ddeterminat mill-awtorita kompetenti mingħajr ma *tinformaha* jew, jekk dan ikun mitlub, mingħajr permess, jew

(b) ma *tikkonformax ruħha* ma' doveri ta' rrapportar jew ma' talbiet biex *tipprovdi* informazzjoni jew *tidher* għal intervisti personali dwar il-proċedura ta' ażil matul perjodu raġonevoli stabbilit mil-liġi nazzjonali, jew

(c) *tkun diġa ddepożitat* applikazzjoni fl-istess Stat Membru.

Meta l-applikant jinstab jew jirrapporta volontarjament lill-awtorita kompetenti, *għandha tittieħed* deċiżjoni immotivata kif xieraq, ibbażata fuq ir-raġunijiet tal-għajbien, dwar *l-introduzzjoni* mill-ġdid tal-għotja ta' x'uħud mill-kondizzjonijiet ta' *lqigħ* materjali mnaqqsa jew kollha kemm huma

2. L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu jew jirtiraw kondizzjonijiet ta' *lqigħ* fejn l-applikant ikun ħeba riżorsi finanzjarji, u għalhekk ikun ibbenefika b'mod illeċitu minn kondizzjonijiet ta' *lqigħ* materjali.

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw *is*-sanzjonijiet applikabbli għal ksur serju tar-regoli taċ-ċentri ta' akkomodazzjoni kif ukoll għal imġiba serjament vjolenti.

4. Deċiżjonijiet għal tnaqqis jew irtirar ta' kondizzjonijiet ta' *lqigħ* materjali jew sanzjonijiet li jirreferu għalihom il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom jittieħdu b'mod individwali, oġġettivament u b'mod imparzjali u għandhom jingħataw raġunijiet. Deċiżjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq is-sitwazzjoni partikolari tal-persuna kkonċernata, b'mod speċjali fir-rigward ta' persuni koperti *bl-Artikolu 22*, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' proporzjonalità. L-Istati Membri għandhom fiċ-ċirkustanzi kollha jiżguraw sussistenza, aċċess għal kura tas-saħħa ta' emerġenza u trattament essenzjali ta' mard jew disturbi mentali.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kondizzjonijiet ta' *lqigħ* materjali ma jkunux irtirati jew imnaqqsa qabel ma tittieħed deċiżjoni negattiva.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET GĦAL PERSUNI BI BŻONNIJIET SPEĊJALI

*Artikolu 22*

Prinċipji ġenerali

1. L-Istati Membri għandhom iqisu s-sitwazzjoni speċifika ta' persuni bi bżonnijiet speċjali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta din id-Direttiva. Persuni vulnerabbli bħalma huma *minuri*, *minuri* mhux akkompanjati, persuni b'diżabilità, nies anzjani, nisa tqal, *ġenitur waħdu b*i tfal *minuri*, vittmi ta' trafikkar, ***vittmi ta' mutilazzjoni ġenitali femminili,*** persuni bi problemi ta' saħħa mentali u persuni li kienu ssoġġettati għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali, dejjem għandhom *jitqiesu* bħala persuni li għandhom bżonnijiet speċjali.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri fil-leġiżlazzjoni nazzjonali bl-għan li jidentifikaw, hekk kif tkun iddepożitata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, jekk l-applikant għandhux bżonnijiet speċjali bl-indikazzjoni tan-natura ta' dawn il-bżonnijiet. L-Istati Membri għandhom jiżguraw appoġġ ***adegwat*** għall-individwi bi bżonnijiet speċjali matul il-proċedura tal-ażil u għandhom jipprovdu għall-monitoraġġ xieraq tas-sitwazzjoni tagħhom.

*Artikolu 23*

***Minuri***

1. L-aħjar interessi tal-wild għandhom ikunu l-konsiderazzjoni primarja għal Stati Membri meta jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li *japplikaw għall-minuri*. L-Istati Membri għandhom jiżguraw standard ta' ħajja xieraq għall-iżvilupp fiżiku, mentali, spiritwali, morali u soċjali tal-wild.

**Il-Ħamis, 7 ta' Mejju 2009**

2. Meta jivvalutaw l-aħjar interessi tal-wild, l-Istati Membri għandhom iqisu b'mod partikolari dawn il-fatturi li ġejjin:

(a) possibbilitajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja;

(b) Il-kumdità u l-iżvilupp soċjali tal-*minuri*, billi jitqiesu b'mod partikolari l-isfond etniku, reliġjuż, kulturali u lingwistiku tal-*minuri*;

(c) Konsiderazzjonijiet ta' sigurtà u sikurezza, b'mod partikolari fejn hemm riskju li l-wild hu vittma ta' traffikar;

(d) L-opinjonijiet tal-*minuri* skont l-età u l-maturità tiegħu/tagħha.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-*minuri jkollhom* aċċess għal attivitajiet ta' rekreazzjoni, inkluż logħob u attivitajiet ta' rekreazzjoni li *jkunu* xierqa għall-età tagħhom, *fil-postijiet* u ċ-ċentri ta' akkomodazzjoni imsemmija fl-Artikolu 18, paragrafu 1(a) u (b).

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess għal servizzi ta' riabilitazzjoni għal *minuri* li kienu vittmi ta' xi forma ta' abbuż, negliġenza, esplojtazzjoni, tortura jew trattament kiefer, inuman jew degradanti, jew li jkunu sofrew minn taqbid bl-armi, u *għandhom* jiżguraw li jingħataw kura ta' saħħa mentali xierqa u konsulenza kkwalifikata meta *dawn ikunu* meħtieġa.

*Artikolu 24*

*Minuri* mhux akkompanjati

1. L-Istati Membri għandhom ▌jieħdu miżuri biex jiżguraw ir-rappreżentanza meħtieġa ta' *minuri* ***mhux akkompanjati*** minn kuratur legali ▌. ***Għandu jinħatar kuratur bil-għan li jagħti pariri u li jipproteġi lill-minuri u li jiżgura li d-deċiżjonijiet kollha jittieħdu fl-aħjar interess tal-minuri. Il-kuratur għandu jkollu l-esperjenza meħtieġa fil-qasam tal-kura tat-tfal biex jiġi żgurat li jkunu salvagwardjati l-interessi tal-minuri u li jintlaħqu b'mod adegwat il-bżonnijiet legali, soċjali, mediċi, psikoloġiċi, materjali u ta' edukazzjona tiegħu. L-Aġenziji jew l-individwi li l-interessi tagħhom jistgħu jkunu kunflittwali ma' dawk tat-tfal m'għandhomx ikunu eliġibbli biex ikunu kuraturi.*** Evalwazzjonijiet regolari għandhom isiru mill-awtoritajiet addattati.

2. *Minuri* mhux akkompanjati li jagħmlu applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandhom *jitqiegħdu*, mill-mument li jkunu ammessi fit-territorju sal-mument li huma obbligati jħallu *it-territorju tal-*Istat Membru li fih l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tkun saret jew tkun qiegħda tiġi eżaminata:

(a) ma' qraba adulti;

(b) ma' famija ta' trobbija;

(c) f'ċentri ta' akkomodazzjoni *b'faċilitajiet* speċjali għall-minuri;

(d) f'akkomodazzjoni oħra addattata għall-minuri.

Stati Membri jistgħu jqiegħdu *minuri* mhux akkompanjati ta' età ta' 16 jew iktar f'ċentri ta' akkomodazzjoni għal *persuni adulti li jkunu qed ifittxu l-ażil.*

Sakemm hu possibbli, aħwa għandhom jinżammu flimkien, filwaqt li jitqiesu l-aħjar interessi tal-*minuri* kkonċernat u, b'mod partikolari, l-età tiegħu jew tagħha u l-grad ta' maturità. Bidliet fir-residenza ta' *minuri* mhux akkompanjati għandha tkun limitata għal minimu.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom biex isibu l-membri tal-familja ta' *minuri* mhux akkompanjat. Huma għandhom jibdew isibu l-membri tal-familja tal-*minuri* mhux akkompanjat kemm jista' jkun malajr wara li tkun iddepożitata applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali filwaqt li jipproteġu l-aħjar interessi tiegħu/tagħha. F'każijiet fejn jista' jkun hemm theddida għall-ħajja jew integrità tal-*minuri* jew il-qraba stretti tiegħu jew tagħha, b'mod partikulari jekk huma baqgħu fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, trid issir attenzjoni biex ikun żgurat li l-ġbir, *l-ipproċessar* u *l-iskambju* ta' informazzjoni dwar dawk il-persuni ssir fuq bażi konfidenzjali, biex ikun evitat li s-sigurta tagħhom titqiegħed fil-periklu.

4. *Persuni* li jaħdmu ma' *minuri* mhux akkompanjati *għandhom ikunu irċevew u għandhom jinqgħu* irċievu taħriġ xieraq dwar il-ħtiġiet tagħhom, u għandhom jintrabtu bil-prinċipju ta' konfidenzjalità kif iddefinit fil-liġi nazzjonali, in konnessjoni ma' kull informazzjoni li jiksbu matul xogħolhom.

*Artikolu 25*

Vittmi ta' tortura u vjolenza

1. Stati Membri għandhom jiżguraw li , persuni li kienu ssuġġettati għal tortura, stupru jew atti ta' vjolenza serji oħra jirċievu t-trattament meħtieġ *għall-ħsara kkaġunta b'dawn l-atti,* b'mod partikolari aċċess għal servizzi ta' riabilitazzjoni li jinkludu l-possibbilità li jinkiseb ta' trattament medikali u psikoloġiku.

2. Dawk li jaħdmu ***ma' vittmi ta' tortura, stupru jew atti serji oħra ta' vjolenza*** għandhom jirċievu taħriġ xieraq dwar il-ħtiġiet tagħhom, u għandhom jintrabtu bil-prinċipju ta' konfidenzjalità kif iddefinit fil-liġi nazzjonali, in konnessjoni ma' kull informazzjoni li jiksbu matul xogħlhom.

KAPITOLU V

APPELLI

*Artikolu 26*

Appelli

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li deċiżjonijiet konnessi mal-għoti, *l-irtirar jew it-tnaqqis* ta' benefiċċji taħt din id-Direttiva jew deċiżjonijiet meħuda taħt l-Artikolu 7 li jolqtu individwalment lill-*persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* jistgħu jkunu suġġetti għal appell ġewwa l-proċedura preskritta fil-liġi nazzjonali. Għall-inqas fl-aħħar istanza għandu jingħata l-jedd ta' appell jew reviżjoni, fil-fatt u *fil-liġi* quddiem korp ġudizzjarju.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ***li tingħata mingħajr ħlas, fuq talba, l-***-assistenza legali u/jew ***ir-rappreżentazzjoni meħtieġa, skont l-Artikolu 15(3) sa (6) tad-Direttiva 2005/85/KE***.

Proċeduri għal aċċess għal assistenza legali u/jew rappreżentanza f'każijiet bħal dawn għandhom ikunu preskritti fil-liġi nazzjonali.

KAPITOLU VI

AZZJONIJIET BIEX TITJIEB L-EFFIĊJENZA TAS-SISTEMA TA' LQIGĦ

*Artikolu 27*

Awtoritajiet kompetenti

Kull Stat Membru għandu javża lill-Kummissjoni dwar l-identità tal-awtoritajiet responsabbli għat-twettiq tal-obligi li jirriżultaw taħt din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidliet fl-identità ta' dawn l-awtoritajiet.

*Artikolu 28*

Sistema ta' gwida, immonitorjar u kontroll

1. L-Istati Membri għandhom, b'rispett dovut għall-istruttura kostituzzjonali tagħhom, jistabbilixxu mekkaniżmi relevanti sabiex jiżguraw li gwida, immonitorjar u kontroll xierqa tal-livell ta' kondizzjonijiet ta' *lqigħ* jkunu stabbiliti.

2. L-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni informazzjoni relevanti kif inhu preskritt fil-formola stabbilita fl-Anness fuq bażi annwali, li jibdew minn […].

*Artikolu 29*

Staff u riżorsi

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-awtoritajiet u organizzazzjonijiet oħra li jimplimentaw din id-Direttiva jkunu rċevew it-taħriġ bażiku meħtieġ fir-rigward tal-ħtiġiet tal-applikanti kemm irġiel u kemm nisa.

2. L-Istati Membri għandhom jallokaw ir-riżorsi meħtieġa in konnessjoni mal-provvedimenti nazzjonali ppromulgati biex tkun implimentata din id-Direttiva.

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 30*

Rapporti

Sas-mhux aktar tard minn […], il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u għandha tipproponi kull emendi li jkunu meħtieġa.

Stati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjooni l-informazzjoni kollha li hija xierqa għall-kitba tar-rapport, inklużi data statistiċi kif jipprovdi l-Artikolu *28(2)* sa […].

Wara li tippreżenta r-rapport, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għall-inqas kull ħames snin.

*Artikolu 31*

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' Artikoli […] [L-Artikoli li ġew emendati Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta Stati Membri jadottaw, dawk id-dispożizzjonijiet, huma għandhom jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkompanjati b'referenza tali fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir referenza tali. Għandhom ukoll jinkludu dikjarazzjoni li fiha jingħad li referenzi għad-Direttivi mħassra minn din id-Direttiva fil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza u kif tiġi mfassla t-tali dikjarazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 32*

Tħassir

Id-Direttiva 2003/9/KE hi mħassra bis-seħħ minn [jum wara d-data stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu *31*(1) ta' din id-Direttiva], mingħajr preġudizzji tal-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward għall-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva stabbilita fl-Anness II, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

*Artikolu 33*

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl- għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikoli […] [l-artikoli li m'humiex mibdula b'paragun ma' Direttiva preċedenti] u l-Anness I għandhom japplikaw minn [jum wara d-data stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu *31*(1)].

*Artikolu 34*

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri

Magħmul ,

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
|---|---|
| Il-President | Il-President |

ANNESS I

Formola ta' rapportaġġ dwar l-informazzjoni li trid tiġi ppreżentata mill-Istati Membri fu bażi annwali, kif inhu meħtieġ taħt l-Artikolu *28*(2) tad-Direttiva […/…/KE]

1. Indika n-numru totali tal-persuni fl-Istat Membru tiegħel li attwalment huma koperti mill-kondizzjonijiet ta' *lqigħ* stipulati fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva […/…/KE], skont is-sess u l-età. Għal kull persuna, indika jekk ║hijiex *persuna li tkun qed tfittex l-ażil* jew membru tal-familja kif definit fl-Artikolu2(c) tad-Directive […/…/KE].

| |
|---|
| |

2. Fuq il-bażi tal-Artikolu *22* tad-Direttiva […/…/KE] jekk jogħġbok pprovdi dejta statistika dwar in-numru ta' *persuni* bi bżonnijiet speċjali *li jkunu qed ifittxu l-ażil* identifikati diviżi fil-gruppi li ġejjin ta' persuni bi bżonnijiet speċjali:

— *minuri* mhux akkompanjati

— persuni b'diżabilità

— anzjani

— nisa tqal

— ġenituri waħedhom bi tfal *minuri*

**Il-Ħamis, 7 ta' Mejju 2009**

— persuni li kienu soġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħrajn ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali

— vittmi ta' traffikar

— persuni bi problemi ta' saħħa mentali

— oħrajn (jekk jogħġbok spjega)

| |
|---|
| |

3. Provdi informazzjoni dettaljata dwar id-dokumenti pprovduti fl-Artikolu 6 tad-Direttiva [.../.../KE], inkluż b'mod partikolari t-tip, l-isem u format ta' dawn id-dokumenti.

| |
|---|
| |

4. Fir-rigward tal-Artikolu 15 tad-Direttiva [.../.../EC], indika n-numru totali ta' *persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil* fl-Istat Membru tiegħek li għandhom aċċess għas-suq tax-xogħol, kif ukoll in-numru totali li huma attwalment impjegati, skont is-settur ekonomiku. Sal-punt li kwalunkwe kondizzjonijiet partikolari huma marbuta mal-aċċess għas-suq tax-xogħol *għall- persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil,* iddeskrivi fid-dettall tali restrizzjonijiet.

| |
|---|
| |

5. Skont l-Artikolu 17(5) tad-Direttiva [.../.../KE], iddeskrivi fid-dettall in-natura tal-kondizzjonijiet ta' *lqigħ* materjali, inkluż il-valur monetrju tagħhom, u kif inhuma pprovduti (jiġifieri liem kondizzjonijiet ta' *lqigħ* materjali huma pprovduti in natura, fi flus jew f'kumbinazzjoni ta' dawn l-elementi) u indika l-livell tal-konċessjoni tal-ispejjeż ta' kuljum pprovduta *lill- persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil.*

| |
|---|
| |

▌

ANNESS II

Parti A

Direttiva Mħassra

(imsemmija fl-*Artikolu 32*)

Direttiva tal-Kunsill 2003/9/KE (ĠU L 31, 6.2.2003, p. 18)

Parti B

Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali

(imsemmija fl-*Artikolu 31*)

| Direttiva | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni |
|---|---|
| 2003/9/KE | 6 ta' Frar 2005 |

**Il-Ħamis, 7 ta' Mejju 2009**

ANNESS III

Tabella ta' korrelazzjoni

| Direttiva 2003/9/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2, kliem ta' introduzzjoni | Artikolu 2, kliem ta' introduzzjoni |
| *Artikolu 2(a)* | — |
| *Artikolu 2(b)* | *Artikolu 2(a)* |
| Artikolu 2(c) | Artikolu 2(b) |
| Artikolu 2(d) kliem ta' introduzzjoni u punti (i) u (ii) | *Artikolu 2(c)* kliem ta' introduzzjoni u punti (i) u (ii) |
| — | Artikolu 2(c) punti (iii), (iv), (v) *u (vi)* |
| Artikolu 2(e) u (f) | — |
| Artikolu 2(g) | *Artikolu 2(d)* |
| — | *Artikolu 2(e)* |
| Artikolu 2(h) | *Artikolu 2(f)* |
| Artikolu 2(i) | *Artikolu 2(g)* |
| Artikolu 2(j) | *Artikolu 2(h)* |
| Artikolu 2(k) | *Artikolu 2(i)* |
| Artikolu 2(l) | *Artikolu 2(j)* |
| Artikolu 3 | Artikolu 3 |
| Artikolu 4 | Artikolu 4 |
| Artikolu 5 | Artikolu 5 |
| Artikolu 6(l) l-ewwel subparagrafu | Artikolu 6(l) l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 6(l) l-ewwel subparagrafu | Artikolu 6(l) l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 6(2) sa (5) | Artikolu 6(2) sa ‖(5) |
| Artikolu 7(1) u (2) | Artikolu 7(1) u (2) |
| Artikolu 7(3) | — |
| Artikolu 7(4) ‖ | Artikolu 7(3) ‖ |
| — | *Artikolu 7(4)* |
| *Artikolu 7(5) u (6)* | *Artikolu 7(5) u (6)* |
| — | Artikolu 8 |
| — | Artikolu 9 |
| — | Artikolu 10 |
| — | Artikolu 11 |
| Artikolu 8 | Artikolu 12 |
| Artikolu 9 | Artikolu 13 |

**Il-Ħamis, 7 ta' Mejju 2009**

| Direttiva 2003/9/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 10(1) *l-ewwel subparagrafu* | Artikolu 14(1) *l-ewwel subparagrafu* |
| *Artikolu 10(1) it-tieni subparagrafu* | — |
| *Artikolu 10(1) it-tielet subparagrafu* | *Artikolu 14(1) it-tieni subparagrafu* |
| Artikolu 10(2) | Artikolu 14 (2) l-ewwel subparagrafu |
| — | Artikolu 14 (l) l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 10(3) | Artikolu 14(3) |
| Artikolu 11(1) | — |
| — | Artikolu 15(1) |
| Artikolu 11(2) *u (3)* | Artikolu 15 (2) *u (3)* |
| Artikolu *11*(4) | — |
| Artikolu 12 | Artikolu 16 |
| Artikolu 13 ▌ | Artikolu 17 ▌ |
| Artikolu 14(1) | Artikolu 18(1) |
| Artikolu 14(2) kliem ta' introduzzjoni u l-ewwel subparagrafu | Artikolu 18(2) kliem ta' introduzzjoni u l-ewwel subparagrafu |
| — | Artikolu 18(l) l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 14(l) l-ewwel subparagrafu | Artikolu 18(2) it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 14(3) sa (7) | Artikolu 18(3) sa (7) |
| Artikolu 14(8) kliem ta' introduzzjoni | Artikolu 18(8) kliem ta' introduzzjoni |
| Artikolu 14(8) l-ewwel subparagrafu l-ewwel inċiż | Artikolu 18(8) l-ewwel subparagrafu punt (a) |
| Artikolu 14(8) l-ewwel subparagrafu t-tieni inċiż | — |
| Artikolu 14(8) l-ewwel subparagrafu t-tielet u r-raba' inċiż | Artikolu 18(8) l-ewwel subparagrafu punt (b) u (c) |
| Artikolu 14(8) t-tieni subparagrafu | Artikolu 18(8) t-tieni subparagrafu |
| Artikolu 15 | Artikolu 19 |
| — | *Artikolu 20* |
| Artikolu 16(1) kliem ta' introduzzjoni | *Artikolu 21*(1) kliem ta' introduzzjoni |
| Artikolu 16(1) (a) | — |
| Artikolu 16(1) (a) l-ewwel, it-tieni u t-tielet inċiż | *Artikolu 21*(1) *punt a, b u c* |
| Artikolu 16(1) (b) ‖ | — |
| — | *Artikolu 21*(2) ‖ |
| Artikolu 16(2) | — |
| Artikolu 16(3) sa (5) | *Artikolu 21*(3) sa (5) |
| Artikolu 17(1) | *Artikolu 22*(1) l-ewwel subparagrafu |
| — | *Artikolu 22*(1) t-tieni subparagrafu |
| Artikolu 17(2) | — |
| — | *Artikolu 22*(2) |

**Il-Ħamis, 7 ta' Mejju 2009**

| Direttiva 2003/9/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 18(1) | *Artikolu 23*(1) |
| — | *Artikolu 23*(2) u (3) |
| Artikolu 18(2) | *Artikolu 23*(4) |
| Artikolu 19 | *Artikolu 24* |
| Artikolu 20 | *Artikolu 25*(1) |
| — | *Artikolu 25*(2) |
| Artikolu 21(1) | *Artikolu 26*(1) |
| — | *Artikolu 26*(2) l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 21(2) | *Artikolu 26*(l) l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 22 | — |
| — | *Artikolu 27* |
| Artikolu 23 | *Artikolu 28*(1) |
| — | *Artikolu 28*(2) |
| Artikolu 24 | *Artikolu 29* |
| Artikolu 25 | *Artikolu 30* |
| Artikolu 26 | *Artikolu 31* |
| — | *Artikolu 32* |
| Artikolu 27 | *Artikolu 33* l-ewwel subparagrafu |
| — | *Artikolu 33* it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 28 | *Artikolu 34* |
| — | Anness I |
| — | Anness II |
| — | Anness III |